PARLAMENT TA' MALTA

AĠENDA

IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT

SEDUTA NUMRU 47

It-Tnejn, 30 ta' Novembru, 2026 fid-9:00 a.m.

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

Estimi Ġenerali 2027 – Kumitat ta' Provvista

Is-Sittax-il Seduta Stabbilita – Ministeru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi

Vot 38 – Ministeru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi
Vot XX – Ministeru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi – Kapital

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026:

MOZZJONIJIET

71. IL-KAP TAL-OPPOŻIZZJONI L-ONOR. ALEX BORG U L-WHIP TAL-OPPOŻIZZJONI L-ONOR. IVAN CASTILLO jipproponu:

L-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex jimplimenta l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet ewlenin tal-Bord tal-Inkjesta Pubblika dwar l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia bil-għan li Malta jkollha iktar strutturi u għodda biex tiġi miġġielda l-kriminalità organizzata, l-abbuż tal-poter u l-korruzzjoni, sabiex id-dritt fundamentali għall-ġurnaliżmu ħieles, imparzjali u indipendenti jkun ankrat fil-Kostituzzjoni ta' Malta għall-ewwel darba, u sabiex il-ġurnalisti f'Malta jkollhom protezzjoni effettiva minn kawżi strateġiċi kontrihom miftuħa fi qrati f'pajjiżi terzi."

21.10.2026

77. IL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI, L-ONOR. CLIFTON GRIMA jipproponi:

L-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att li jemenda Diversi Liġijiet sabiex isaħħaħ il-Protezzjoni tal-Libertà tal-Espressjoni, il-Ġurnaliżmu u s-Saltna tad-Dritt".

26.11.2026

ELEANOR SCERRI
SKRIVAN TAL-KAMRA

27 ta' Novembru 2026

KUMITATI PERMANENTI

KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi se jiltaqa' nhar **it-Tnejn, 30 ta' Novembru 2026 fit-3.00 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament, il-Belt Valletta, b'din l-aġenda:

1. Smigħ fir-rigward tan-nomini ta' dawn it-tliet Ambaxxaturi ta' Malta mhux residenti:
   - Is-Sur Ivan Bartolo għall-Prinċipat ta' Monaco;
   - Is-Sur Darren Lynch għar-Rumanija; u
   - Is-Sur Kevin Borg għall-Arġentina.

KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET TAL-FAMILJA

Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja se jiltaqa' nhar **it-Tnejn, 30 ta' Novembru 2026, fl-4.30 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti;
2. L-Ippjanar tal-Familja (Kont.); u
3. Affarijiet Oħra.

KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji se jiltaqa' nhar it-**Tlieta, 1 ta' Diċembru 2026 fil-4.45 p.m**. fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament il-Belt b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti;
2. Preżentazzjoni tar-rapport *EY Attractiveness Survery Malta 2026*; u
3. Affarijiet oħra.

KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-KONTIJIET PUBBLIĊI

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi se jiltaqa' nhar **l-Erbgħa, 2 ta' Diċembru 2026, fis-2.00 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti;
2. Preżentazzjoni mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika tar-rapport *High Level Review of Enemalta's Planning and Investment in the Local Electricity Distribution Network* ippubblikat f'Lulju tal-2024 - Kontinwazzjoni;
3. Affarijiet Oħra.

KUMITAT PERMANENTI DWAR L-INFORMATIKA, IT-TEKNOLOĠIJA U L-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI

Il-Kumitat Permanenti dwar l-Informatika, it-Teknoloġija u l-Intelliġenza Artifiċjali, javża li l-Kumitat se jiltaqa' nhar **l-Erbgħa, 2 ta' Diċembru 2026 fit-5.00 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti;
2. Diskussjoni fuq l-Intelliġenza Artifiċjali fl-Edukazzjoni; u
3. Affarijiet oħra.

KUMITAT PERMANENTI GĦALL-KONSIDERAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI

Abbozz Nru 13 – Abbozz ta' Liġi li jemenda Varji Liġijiet dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar – Ministru għall-Infrastuttura, l-Ippjanar u x-Xogħol

ELEANOR SCERRI
SKRIVAN TAL-KAMRA

27 ta' Novembru 2026